MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 354/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sigismondo Mifsud**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Salvina Mifsud ipprezentat fis-7 ta’ Marzu 2008 li permezz tieghu, wara li ppremettiet (1) illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2007 fis-seduta tal-Familja, sabet lil Sigismondo Mifsud hati li naqas li jaghti l-manteniment lir-rikorrenti u ordnat illi ghandu jhallas l-manteniment lir-rikorrenti ghax-xhur ta’ Jannar u Frar 2007 fl-ammont ta’ Lm260, illum ekwivalenti ghal €605, u li kellhom jithallsu fi zmien xahrejn u kif ukoll xahrjn prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta’ l-artikoli 28H u 28A rispettivament tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (2) illi l-

imsemmi Sigismondo Mifsud naqas milli jikkonforma ruhu ma’ dik is-sentenza u ghadu sallum ma hallasx l-ammont ordnat mill-imsemmija Qorti; (3) illi r-rikorrenti fil-prezent ghaddejja minn problemi finanzjarji peress li ghandha r-responsabbilta` ta’ uliedha fuqha u m’ghandha ebda introjtu iehor; (4) illi din mhijiex l-ewwel darba illi l-imsemmi Sigismondo Mifsud naqas milli jaghti l-manteniment lir-rikorrenti u fis-seduta tat-18 ta’ Frar 2008 rega’ nstab hati minn dik il-Qorti u wehel l-istess piena fuq citata; talbet ghalhekk li dik l-ewwel Qorti tistabilixi jum u hin mhux aktar tard minn sebat ijiem sabiex jinstemghu l-partijiet a tenur ta’ l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan taht dawk il-provvedimenti li dik il-Qorti jidhjrilha xierqa u opportuni;

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Novembru 2008 li permezz taghha ordnat, ai termini ta’ l-artikolu 28h(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li t-terminu ta’ prigunerija ta’ xahrejn sospizi ghal sena moghtija fis-sentenza tas-26 ta’ Novembru 2007 jidhlu fis-sehh b’effett immedjat;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Sigismondo Mifsud ipprezentat fis-26 ta’ Novembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuza (*sic!*) dedotta kontra tieghu;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma setghet qatt tiehu konjizzjoni tar-rikors kif ipprezentat peress illi r-rikors ma giex mahluf kif stipulat fl-artikolu 28H(4); (2) ir-rikors tqieghed ghas-smigh ferm wara s-sebat ijiem mid-data tan-notifika tar-rikors.

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-appellant m’ghandux ragun fuq ebda wiehed mill-aggravji tieghu. Kwantu ghall-ewwel aggravju, mill-atti stess jirrizulta li hemm affidavit

ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur u li minnu jirrizulta illi r-rikorrenti Salvina Mifsud iddikjarat bil-gurament li kienet qed tikkonferma l-kontenut tar-rikors ipprezentat minnha (ara fol. 6 tal-process). Kwantu ghat-tieni aggravju, jekk xi hadd ghandu jilmenta dwar meta gie appuntat ir-rikors ghas-smigh, din ghandha tkun ir-rikorrenti stess u mhux l-appellant li semmai kellu b'hekk aktar zmien ghad-disposizzjoni tieghu biex ikun jista' jsib il-fondi mehtiega biex jaghmel il-pagament minnu dovut. It-terminu msemmi fl-artikolu 28H(4) mhuwiex terminu fatali u ghalhekk il-procedura ma tistax titqies nulla.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti b'dan illi s-sentenza sospiza ta' xahrejn prigunerija nflitti bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Novembru 2007 tibda ssehh millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------